MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 84

It-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2018

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

84.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

84.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 82 (tnejn u tmenin) li saret fid-19 ta' Frar, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

84.2.1.1 - Minuta 82.2.2.3 – Titneħħa l-kelma "proposti" u tiżdied il-kelma "is-suġġerimenti"

## 84.2.2 Punti mqajma mill-minuti

84.2.2.1 Minuta 82.2.2.7 – Is-Sindku informa lill-membri li nġiebu 3 kwotazzjonijiet għal *projector* u *screen* mingħand

- Studio 7 ta' €4,603.95
- Portanier għal €500 (mingħajr VAT)
- Music Factory għal €350.

Il-membri qablu unanimament li tintgħażel l-irħas kwotazzjoni ta' Music Factory għal €350.

Fis-6.45 ta' filgħaxija wasal is-Sur Darren Carabott u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

84.2.2.2 Minuta 82.2.2.9 – Is-Sindku informa lill-membri li intalab il-parir ta' persuna teknika sabiex jiġi deċiż jekk is-*CCTV's* jiġu mħaddma permezz ta' enerġija li tiġi ġenerata minn pannelli tax-xemx jew inkella minn elettriku minn *metres* tad-dawl. Is-Sindku informa lill-membri li

- Sistema li taħdem bl-elettriku tiswa madwar €1,300
- Sistema li taħdem bil-pannelli tax-xemx tiswa madwar €2,000

Wara diskussjoni, ittieħed vot sabiex is-*CCTV's* jiġu mħaddma b'sistema bl-elettriku u għaddiet bi 4 voti favur u 3 kontra.

84.2.2.3 Minuta 82.3.3 – Is-Sindku ppropona li, wara r-riżenja taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Ġieħ u Mertu Santa Venera, jinħatar is-Sur George Debono bħala *Chairperson.* Minflok, is-Sur George Debono, li diġà huwa membru fil-Kumitat Ġieħ u Mertu Santa Venera, jinħatar is-Sur Albert Cassar Farrugia. Is-Sur George Debono kif ukoll is-Sur Albert Cassar Farrugia

diġà ġew avviċinati mis-Sindku u aċċettaw il-kariga. Għaldaqstant, ser tintbagħat ittra uffiċjali li ġew maħtura.

Il-membri qablu unanimament.

84.2.2.4 Minuta 82.3.7 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħatret sottokumitat magħmul minn rappreżentant minn 5 Kunsilli li huma Santa Venera, Ħal Safi, Birkirkara, Ħal Qormi u Paola. L-għan ta' dan is-sottokumitat huwa li jressqu proposti kif il-ħaddiema tal-RSSL kif ukoll il-ħaddiema tad-District Operations għandhom jiġu assenjati. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali pproponiet li n-numru ta' ħaddiema assenjati jkun skont in-numru ta' kunsilliera. Fil-kas tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, li huwa magħmul minn 7 kunsilliera, jekk tiġi fis-seħħ din il-proposta, il-Kunsill ikollu 4 ħaddiema assenjati miegħu. Dan ifisser li jkun hemm bżonn li jitnaqqas xi ħadd mill-ħaddiema. Is-Sindku informa li kien hemm oppożizzjoni għal din il-proposta kemm għaliex kunsilli bħall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera investa f'dawn il-ħaddiema, jafu il-lokal, kif ukoll għaliex hemm xi kunsilli li ma wrewx l-interess li jassenjaw minn dawn il-ħaddiema.

84.2.2.5 Minuta 82.4.5 – Is-Sindku informa lill-membri li inġiebu 3 kwotazzjonijiet għal reċipjenti tar-reċiklaġġ għall-karti kif ukoll għall-plastik sabiex jintużaw fl-iskola primarja ta' Santa Venera. Il-kontenituri jiswew:

- €236 + VAT
- €210 + VAT
- €176 + VAT

Il-membri qablu unanimament li tintgħazel l-irħas kwotazzjoni u jinxtraw 3 kontenituri għal €176 + VAT kull wieħed, mingħand il-Green Skip Group.

84.2.2.6 Minuta 82.5.1 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni aċċettaw il-ħatra tagħhom u aċċettaw ukoll ir-renumerazzjoni ta €50 għal kull seduta. Għaldaqstant il-Bord tal-Aġġudikazzjoni sabiex jiġu evalwati t-*tenders* tas-*Street Lighting* u t-*tender* tal-Perit, ser ikun kompost mill-Avukut tal-Kunsill Dr Joseph Sammut, l-*Accountant* tal-Kunsill is-Sur Michael Debono kif ukoll il-*Contracts Manager* tal-Kunsill, is-Sur Raphael Carabott. Is-Sindku ser ikun iċ-*Chairperson* tal-Bord u ser jagħmel dan ix-xogħol mingħajr ħlas addizzjonali. Is-Sindku informa lill-membri li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali oġġezzjonat għal dawn il-Bordijiet peress li l-Kunsilli Lokali qed jispiċċaw jidħlu għal spejjeż addizzjonali.

## 84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

84.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li waslet talba mingħand is-Sur George Camenzuli fejn allega li nfaqqgħulu *tyre* tal-karozza tiegħu, waqt li kien għaddej minn Triq il-Kanun, Santa Venera, fil-parti li fejn hija responsabbiltà tal-Kunsill. Dan sewa €115. Kien hemm qbil sabiex is-Sur Camenzuli jippreżenta r-rapport tal-pulizija u l-irċevuta tat-*tyre* li biddel sabiex inkunu f'pożizzjoni li nipproċedu.

Il-membri qablu unanimament.

84.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li kellna talba oħra mingħand mis-Sur Muscat Baron fejn allega li f'salib it-toroq bejn Triq il-Ferrovija u Trejqa ta' Fleur de Lys, waqt li kien għaddej bil-mutur u waqaf fuq l-i*stop sign*, sieqU daħlitlu fit-tappieri tal-festa, li ma kellhom għatu, u waqa'. Mal-waqa' weġgħa l-għaksa u għamel ħsara fil-mutur.

Il-membri qablu li għandna nieħdu parir legali f'dan ir-rigward.

84.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand il-propretarju ta' Louis Garage, fi Triq Carini, Santa Venera sabiex isiru *yellow lines* quddiem l-imsemmi *garage* għaliex ma jkunx jista' jħott/jgħabbi l-merkanzija. Ġaladarba, dan il-*garage* qed jintuża bħala *store*, ma jistgħux isiru *yellow lines*.

Il-membri qablu unanimament li l-propjetarju jiġi japplika għal permess ta' *No Parking* kull darba li jkollu bżonn.

84.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna stedina mingħand Care Malta, għan-Nazzareno Vassallo *Annual Award*, wara li saret in-nomina tas-Sinjura Angela Hili. Iċ-ċerimonja ser issir nhar it-Tnejn 9 ta' April, 2018 fl-10.30am fil-Palazz ta' San Anton. Is-Sindku ppropona li jattendi s-Sur Horace Anastasi.

84.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li saret talba mingħand *Palazzina Properties* ta' Triq San Pawl, kantuniera ma Triq Braille, Santa Venera sabiex tinqala' bozza tat-triq li hemm imwaħħla mal-faċċata, peress li jeħtieġ li jsir ir-restawr tal-imsemmija faċċata. Għal dan il-għan, intalbet dikjarazzjoni uffiċjali mingħand *Palazzina Properties* li l-bozza terġa' teħel fil-post oriġinali tagħha wara li jkun sar ix-xogħol, li dan ix-xogħol jitlesta sa l-aħħar tas-sena u li l-ispiża involuta biex tinqala' l-bozza u terġa teħel f'posta jsir għas-spejjeż ta' *Palazzina Properties*.

Il-membri qablu unanimament.

84.3.6 Is-Sindku informa lill-membri rċevejna mingħand is-Society for the Blind fejn aċċettaw li r-*Reserved Parking* ikun mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-10.00am sat-5.00pm. B'din il-proposta il-ħin tal-parkeġġ riservat għalihom ser jonqos. Għaldaqstant, kien hemm qbil unanimu li terġa ssir kommunikazzjoni magħhom biex jiġi spjegat dan il-fatt.

Fid-19.45 is-Sur Jonathan Brimmer ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

84.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba għal *Loading/Unloading Bay* mingħand mingħand Fatima Pharmacy, ta' Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Din it-talba għandha tintbagħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta, wara li tintalab lista ta' 6 iħwienet li hemm fl-akkwata.

Il-membri qablu unanimament.

84.3.8 Is-Sindku informa lill-membri rċevejna komunikazzjoni mingħand is-Sur Fabian Galea tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn qed jistaqsu liema huma dawk il-kunsilli li jixtiequ jixtru jew jikru vettura *hybrid* jew *rechargeable*. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal vettura r*echargeable* għall-użu tal-kunsill u tal-ħaddiema assenjati tiegħu.

Il-membri qablu unanimament.

84.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna mingħand is-Sur Alfred Mizzi fl-okkazjoni taċ-ċentinarju ser issir Akkademja Musico-Letterarja nhar is-Sibt 5 ta' Mejju, 2018 fis-7.30pm u qed jitolbu li din issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Il-membri qablu unanimament u tittieħed deċiżjoni dwar x'ser ikun l-involviment tal-Kunsill Lokali f'laqgħa oħra.

## 84.4 *Rapporti/Korrispondenza*

Xejn

## 84.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

84.5.1 Is-Sindku rrimarka li wara li t-tender li konna ħriġna ġie kkanċellat, qed jiġi ppreparat it-tender il-ġdid u ser ikun aġġudikat bis-sistema BPQR – *Best Price Quality Ratio*. Il-*Contracts Manager* issuġġerixxa li il-kenniesa jkollhom sistema ta' *updated GPS tracking* u l-kuntratturi jistgħu jitfgħu l-offerta tagħhom kemm b'2 ħaddiema *full time* kif ukoll b'4 ħaddiema *part time*.

Il-membri qablu unanimament.

84.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntratt eżistenti tat-Trasport taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani huwa għal darba fil-ġimgħa. Peress, li f'Novembru 2017 żidna vjaġġ ieħor fil-ġimgħa, m'għadniex *in regola* mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Għaldaqstant, ġie maqbul li tinħareġ *Expression of Interest* għal sevizz addizzjonali ta' trasport għal vjaġġ ieħor fil-ġimgħa u li jkun jagħlaq mal-kuntratt eżistenti fit-28 ta' Frar, 2019.

Il-membri qablu unanimament.

## 84.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

84.6.1 Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u / jew Sotto Kumitati.

84.6.2 Is-Sindku inkariga lis-Sur Jason Mangani sabiex nhar is-Sibt 21 ta' April, 2018, jorganizza *Football Tournament* bil-parteċipazzjoni tal-*Frame Football Malta*. Ser jiġu ordnati l-medalji mingħand *Sports Experience*, sabiex jingħataw lill-parteċipanti. Is-Sur Jason Mangani issuġġerixxa li dakinhar it-tim tas-Santa Venera Lightnings u t-tim tal-*Under 17* li jkunu ħadu l-*promotion* jingħataw rikonoxximent.

Il-membri qablu unanimament.

84.6.3 Is-Sindku inkariga lis-Sur Darren Carabott biex jieħu ħsieb jikkordina mas-Sur Joe Abela, sa nhar il-Ħamis 12 ta' April,2018, u jkollna n-numru ta' persuni li ser jużaw it-trasport li ser jiġi pprovdut mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, sabiex jattendu għal-logħba li ser tintlagħab nhar il-Ħadd 15 ta' April, 2018.

Il-membri qablu unanimament.

## 84.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 84.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 39 sa 64.

| | |
|---|---|
| 39 | Central Asphalt Ltd |
| 40 | Ħaddiema Assenjati - jeħel fil-viċinanzi tal-iskola |
| 41 | Ġie nnutat li kellha ssir traffic calmer fi Triq Pietru Dacoutros |
| 42 | Issir minn sid il-ħanut |
| 43 | Central Asphalt, apparti jiġu rranġati ukoll parti minn Triq il-Brunżar u parti minn triq il-Kbira San Ġużepp ħdejn l-Għassa ta' Santa Venera |
| 44 | Jintalbu permessi u site plan |
| 45 | Rifjutata |
| 46 | Rifjutata |
| 47 | Transport Malta |
| 48 | Rifjutata |
| 49 | WM Environmental Ltd |
| 50 | Works Order għal dog bin u jitwaħħlu mill-ħaddiema Assenjati |
| 51 | Ilment mgħoddi lil kuntrattur u eventwalment titwaħħal ukoll CCTV |
| 52 | Trid issir applikazzjoni ma Transport Malta mill-individwu |
| 53 | Ġiet diskussa fil-"Komunikazzjonijiet mis-Sindku" |
| 54 | Works Order għal bin |
| 55 | Ħaddiema Assenjati |
| 56 | B Grima & Sons |
| 57 | Ħaddiema Assenjati |
| 58 | Hemm WO diġa mas-Central Asphalt għal major patching |
| 59 | Jidentifika 6 iħwienet u Transport Malta |
| 60 | Ħaddiema Assenjati |
| 61 | Transport Malta |
| 62 | Jispjega xi jrid eżatt |
| 63 | Contracts Manager |

| | |
|---|---|
| 64 | Rifjutata |

## 84.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-9.00 pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' April, 2018, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 23 ta' April, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Jane Yvonne Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |